**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Melanie Mifsud

vs

Little Stars

CCT 109/23/MS

22 ta' Novembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-23 ta' Gunju 2023 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' mija u hamsin euro (€150.00), prezz ta' *pushchair* mixtrija minghand l-azjenda inimtata, li nkisret meta kienet ghadha taht garanzija.

Ra li l-azjenda intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahlet l-ebda risposta u hadd ma deher biex jixhed meta hekk imsejjah mit-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti u tar-ragel taghha bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fit-23 ta' Settembru 2019 ir-rikorrenti xtrat pushchair 'Lionelo Julie Dark Grey' ghall-prezz ta' mija u hamsin euro, b'hames snin garanzija (5 years mechanical warranty). F'Marzu 2023 il-pushchair zviluppat hsara (mechanical fault) u ma setghetx tinghalaq u cemplet l-azjenda intimata, kellmet persuna li qallha biex tibghatilhom video. Ikkorrispondiet maghhom tramite What's App u qalulha li ha jkellmu technician umbagahd jkellmuha lura. Baqghet minghajr risposta sakemm qalulha li l-hsara ma titrangax. Talbet li kollox isir bil-miktub, pero' regghet baqghet minghajr risposta ta', nonostante diversi *reminders*. Fit-18 ta' April 2023 baghtet messagg fuq what'sapp u qaltilhom li din kienet ghadha taht garanzija u anke ingaggat avukatabiex tiktbilhom, izda dan kien kollu ghal xejn.

Xehed ukoll Robert Mifsud, ir-ragel tar-rikorrenti li kkonferma dak kollu li qalet ir-rikorrenti u zied ighid illi l-push-chair ma toqghodx fil-karrozza in vista tal-fatt illi m'ghadux jinghalaq.

Ikkunsidra

Illi in vista tal-fatt illi hadd mill-azjenda intimata ma deher, it-Tribunal m'ghandux versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qeghdin ighidu r-rikorrenti u r-ragel taghha, li fic-cirkostanzi huwa verosimili u anke korroborat bid-dokumentazzjoni. Wara li ra l-korrispondenza u d-doukmenti kollha esebiti, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ippruvat l-istanza taghha sal-grad rikjest mill-ligi u ghaldaqstant it-talba taghha tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' mija u hamsin euro (€150.00). Bi dritt tal-azjenda intimata li tiehu lura l-pushchair mertu tal-kaz, wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru